MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 852/2011

**International Bunkering Middle East DMCC socjeta' estera rapprezentata lokalment mill-mandatarji specjali taghha l-Avukat Dottor Hugh Peralta u l-Avukat Dottor Larry J. Gauci**

**vs**

**M/V Alloro**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' International Bunkering Middle East DMCC fejn din, wara li ppremettiet illi:

Il-bastiment konvenut M/V Alloro, liema bastiment huwa irregistrat gewwa l-Venezuela u ghandu IMO number 9162033 u Call Sign YYJP, huwa debitur tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' (US$) tlett mija tlieta u tletin elf u hames mija sitta u sittin dollari Amerikani u sebghin

centezmu ekwivalenti skond ir-rata tal-kambju ta' llum ghal Ewro mitejn wiehed tletin elf u mitejn tnejn u disghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (Euro 231,292.56) flimkien ma' ammont ta' (US$) disat elef mija u sbatax dollari Amerikani u disgha u erbghin centezmu ekwivalenti skond ir-rata tal-kambju ta' llum ghal Ewro sitt elef tlett mija tnejn u ghoxrin (Euro 6,322.0) kif jirrizulta mill-invoice u *interest note* u mill-istqarrija mahruga minn International Bunkering Middle East DMCC fis-17 ta' Awissu 2011 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. "A");

L-ammont ta' Euro mitejn wiehed u tletin elf u mitejn tnejn u disghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (Euro 231,292.56) jikkonsisti f'invoice mhux imhallsa mahruga mis-socjeta' rikorrenti, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "B", l-ammont huwa dovut fir-rigward ta' prezz ta' bunkers mitluba mill-bastiment konvenut u moghtija lill-bastiment gewwa l-port ta' Gibiltar mis-sub-kuntratturi tas-socjeta' rikorrenti, Aegean Bunkering (GIB) Ltd., fit-8 ta' Gunju 2011 (kopja ta' *Bunker Delivery Receipt* qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "C");

Is-socjeta' rikorrenti hallset lis-sub-kuntratturi taghha, Aegean Bunkering (GIB) Ltd., ghal bunkers suppliti lill-bastiment intimat skond fattura mahruga mill-istess Aegean Bunkering (GIB) Ltd., kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "D" permezz ta' trasferiment bankarju, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "E";

Dan l-ammont kellu jithallas fi zmien xahar mill-konsenja abbord tal-*bunkers* (kopja ta' Order *Confirmation* qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "F") u ghalhekk dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut mill-bastiment konvenut lis-socjeta' rikorrenti ghaliex jirraprezenta prezz ta' bunkers rikjesti mill-bastiment konvenut innifsu u suppliti mill-agenti tas-socjeta' rikorrenti ghall-beneficcju tal-istess bastiment;

Sid il-bastiment konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont dovut kif spjegat hawn fuq izda,

ghalkemm dan l-ammont qatt ma gie b’xi mod ikkontestat, l-ammont baqa’ ma thallas qatt;

Ghalhekk qieghda ssir din il-kawza ghall-hlas tal-ammont dovut mill-bastiment konvenut ghal bunkers fornuti mis-socjeta’ rikorrenti matul it-8 ta’ Gunju 2011, gewwa l-port ta’ Gibiltar;

Jissussistu l-elementi kollha rikjesti biex jigu applikati l-artikolu 167 u l-artikoli sussegwenti tal-Kap. 12.

Talbet is-socjeta’ rikorrenti tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi skond it-talba bid-dispenza mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 u l-artikoli sussegwenti tal-Kap. 12; u

Tiddikjara li l-bastiment konvenut huwa debitur tas-socjeta’ rikorrenti fis-somma ta’ Euro mitejn wiehed u tletin elf u mitejn tnejn u disghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (Euro 231,292.56) ammont konsistenti fi prezz ta’ bejgh u forrituri ta’ bunkers provduti lill-bastiment konvenut fit-8 ta’ Lulju 2011 mill-agenti tas-socjeta’ rikorrenti u dovuta.

Tikkundannah ihallas lis-socjeta’ rikorrenti s-somma fil-munita Ewro ta’ mitejn wiehed u tletin elf u mitejn tnejn u disghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (Euro 231,292.56), oltre ammont ta’ Ewro sitt elef tlett mija tnejn u ghoxrin (Euro 6,322.0) bhala imghax mit-8 ta’ Lulju 2011 sat-18 ta’ Awissu 2011 bir-rata ta’ 2% salvi imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk tal-mandat ta’ arrest ta’ bcejjec tal-bahar ‘il fuq minn ghaxar metri akkordat fit-23 ta’ Awissu 2001, u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat li, ghalkemm saret id-debita notifika skond il-ligi, ma deher hadd biex jikkontesta l-kawza.

Peress illi t-talba tar-rikorrenti tinsab pruvata u jisthoqqilha li tigi milqugha.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici kollha kif dedotti, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------